**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 4 - IT-TLIETA 22 TA' SETTEMBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-7:50pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Victor Agius | Kunsillier (wasal fit-8:30pm) |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Fuq talba tal-Kunsillier Brincat kien hemm qbil li ssir emenda biex jiddaħħlu l-kliem *'Wara li offra li jkun preżenti huwa stess,'* fil-bidu tal-aħħar sentenza tal-paragrafu 1.2.

1.2. Fuq rimarka li għaddiet il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami kien hemm qbil li l-ewwel sentenza tkun iċċarata biex tindika li dwar il-kummerċ id-diskussjoni kienet bejnha u bejn il-Kunsillier Brincat.

1.3. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir korrezzjoni biex l-ewwel sentenza ta' paragrafu 4.8 tkun tibda *'Il-Kunsillieri Brincat u Sciberras'* u mhux *'Il-Kunsillieri Bonello u Sciberras'*.

1.4. Il-Kunsill laqa' talba għal emenda mingħand il-Kunsilliera Miceli biex fl-aħħar ta' paragrafu 7.1 tiddaħħal sentenza oħra 'Il-Kunsilliera Miceli oġġezzjonat għall-fatt li dehrilha li kien hemm min hu kapaċi u li jikkwalifika għall-post ta' skrivan/a.'

1.5. Wara l-minuti kienu approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

1.6. Il-Kunsillier Brincat irrimarka li huwa ma kienx qed jaqbel li titpoġġa *speed camera* fi Triq il-Kosta kemm-il darba l-veloċità tkun ta' 60km/hr minħabba li kien iħoss li hija veloċità baxxa wisq għal triq simili u li seta' jkollha effett agħar fuq is-sewwieqa. Is-SE ikkonferma li fil-fatt dan kien espress fil-laqgħa preċedenti filwaqt li informa li kienet saret laqgħa mas-Supretendent tat-Traffiku s-Sur Raymond Zammit però kien għadu jrid jiġi deċiż fejn se titwaħħal il-*camera.* Is-Sur Zammit kien infurmat ukoll li l-Kunsill ma kienx qed jaqbel mal-proposta li l-veloċità tkun ta'

60km/hr. Ġie ssuġġerit ukoll li minflok *camera* waħda għandu jiġi kkunsidrat li jitpoġġew tnejn f'żewġ postijiet differenti.

1.7. Il-Kunsillier Bonello staqsa kemm kienet ir-rata tal-Gwardjan tal-pitch. Is-SE infurmah li risposta jgħaddiha darba oħra minħabba li ma kienx jaf bl-amment.

1.8. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li għalkemm jidher li r-reċipjenti tal-iskart intużaw sewwa matul il-ġranet tal-festa, effettivament setgħu intużaw reċipjenti iżgħar u jitbattlu aktar spiss. Fil-fatt kien ġie nnutat li fil-jiem li tħallew fil-post dawn ma ġewx żvujtati. Il-Kunsillier Bonello ġibed ukoll l-attenzjoni tas-SE dwar il-fatt li kienu tpoġġew viċin ħafna tal-każini u għaldaqstant kienu ħolqu inkonvenjenza minħabba li ħadu l-ispazju tal-allokazzjoni tas-siġġijiet u l-imwejjed.

1.9. Il-Kunsilliera Miceli semmiet ukoll il-fatt li l-latrini ma kinux nodfa biżżejjed fil-ġranet tal-festa u kien hemm uħud minnhom li ma kinux qed jiffunzjonaw. Kien hemm qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni tas-CSD. Kien suġġerit ukoll li għal festa oħra jkunu kkunsidrati *mobile toilets*.

1.10. Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Muscat Fenech Adami dwar jekk kinitx saret it-toqba l-ġdida fi Triq il-Parroċċa, il-Kunsillier Brincat ikkonferma u qal li kollox kien mexa ħarir. Is-SE informa wkoll li kien talab ċertifikat mingħand il-Perit tal-Knisja.

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1. Is-Sindku infurmat li bejn l-aħħar ta' Awwissu u l-bidu ta' Settembru kienet marret Reggio Calabria ma' grupp ta' residenti kif miftiehem. Hija infurmat li kellhom laqgħa kordjali ħafna u kollox kien ipproċeda kif pjanat. Sadanittant uriet ukoll artiklu li deher fuq gazzetta tal-lokal fejn deher ukoll ritratt tas-Sindku Dott. Deguara mal-Viċi Sindku ta' Reggio. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Bonello biex jagħmel artiklu għall-gazzetti dwar din il-mawra u possibilment dik tar-Rumanija. Is-Sindku infurmat ukoll li l-Kunsill ta' Reggio tant kienu ħadu gost b'din il-mawra li kienu offrew li għandha terġa' tiġi organizzata mawra oħra matul is-sena ddieħla.

2.2. Is-Sindku infurmat ukoll li ġewwa r-Rumanija kienu marru ħames Kunsilliera, inkluża hi, kif ukoll is-SE. Hawnhekk ukoll huma kienu ġew milqugħa tajjeb ħafna u kienu żaru ħafna postijiet ta' interess. Is-Sindku infurmat li diġà ntbagħtet ittra ta' ringrazzjament lil dan il-Kunsill. Is-SE informa li l-ispejjeż kollha involuti apparti tal-ajru kienu tħallsu mill-Kunsill ta' Bucharest. Il-Kunsill tan-Naxxar kien ħallas Eur339 għal kull persuna, li kienet l-aktar titjira rħisa li nstabet. Il-biljetti tal-ajru inxtraw mill-Alitalia u prattikament kienu nofs il-prezz tal-Airmalta.

2.3. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jixtri xi affarijiet u basktijiet preferibbilment bl-isem u l-arma tal-Kunsill sabiex jintużaw bħala promozzjoni tal-Kunsill Lokali Naxxar.

2.4. Fir-rigward ta' para. 3.9, kien hemm qbil li l-Kunsillier Bonello għandu jara l-possibbilta li jakkwista xi biljetti tal-ajru/baħar sabiex jittella' bħala l-ewwel premju għal-lotterija. Għandhom jiġi akkwistati wkoll xi vawċers għal kotba. Kien hemm qbil li għandhom jiġu aċċettati kotba tal-qari jew ta' informazzjoni għat-tfal u għall-kbar u kemm bl-Ingliż kif ukoll bil-Malti. Kien hemm qbil li għandu jsir riklam fuq il-fuljett tal-Kunsill.

2.5. Hawnhekk wasal il-Kunsillier Agius. Il-ħin kien it-8:30pm.

2.6. Il-Kunsillier Galea wassal ittra mingħand resident li kien qed jitlob li tiġi kostruwita pjattaforma viċin it-Torri tas-Safra sabiex jintuża għall-Kite Surfing. Is-SE informa li jista' jkun li dik hija żona protetta. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jwassal din it-

talba lill-Ministeru għall-Isport. Kien hemm qbil ukoll li ssir laqgħa mas-Sur Xuereb.

2.7. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li kienet iltaqgħat mal-president tal-assoċjazzjoni tal-*caravans* ta' Baħar iċ-Ċagħaq fejn kien talab laqgħa mal-Kunsill minħabba kwistjonijiet varji dwar iż-żona tal-caravans. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra fejn dawn għandhom jerġgħu jiġu infurmati li din iż-żona mhijiex fir-responsabbiltà tal-Kunsill iżda tal-Gvern Ċentrali.

2.8. Is-SE informa li f'Baħar iċ-Ċagħaq kienu tneħħew il-klieb kollha li kienu qed jinżammu fil-lukanda l-qadima u wieħed mir-residenti kien talab lill-Kunsill biex titpoġġa tabella biex ma jiġux nies u jħallu l-klieb. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

2.9. Il-Kunsillier Bonello semma li rappreżentanti ta' Baħar iċ-Ċagħaq jixtiequ jiltaqgħu mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jiltaqa' magħhom fil-laqgħa tal-Kunsill li jkun imiss.

2.10. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li kien kellimha resident dwar inkonvenjenza li kellu minħabba li r-*Reserved Parking* kien 'il bogħod mir-residenza tiegħu u għaldaqstant kien qed ikollu l-problemi u talab li jitmexxa aktar viċin. Il-Kunsilliera Miceli ġiet infurmata li din it-talba ntbagħtet lill-ADT.

2.11. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami talbet biex l-ADT jiġu mitluba jagħmlu rinfreskar tal-immarkar kollu ta' Triq il-Kosta minħabba li ċċara ħafna. Hija semmiet ukoll li hemm bżonn ta' żbir tas-siġar.

2.12. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm ħafna ħmieġ fil-grawnd u l-ġnien ta' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku. Issemma' l-fatt li l-grawnd qed jitnaddaf regolarment mill-gwardjan kif ukoll li l-kuntrattur inaddaf il-*playing field* b'makkinarju speċjali.

2.13. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa li jitpoġġew xi rifletturi jew *cats eyes* viċin u mar-rawndebawt ta' T'Alla U Ommu minħabba li qed jiġru xi inċidenti. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lill-ADT.

## 3. RAPPORT DWAR IL-GAL MIS-SUR SALVU SCIBERRAS

3.1. Hawnhekk kien hemm qbil li titwaqqaf is-seduta sabiex is-Sur Salvu Sciberras, rappreżentant fuq il-LAG, ikun jista' jispjega aħjar ir-rapport li preżenta lill-Kunsill.

3.2. Is-Sur Sciberras spjega fuq fuq dwar il-Fondazzjoni Grupp ta' Azzjoni Majjistral fejn informa lill-Kunsill li kien il-Kunsill preċedenti li ħa l-inizjattiva biex jipparteċipa ma' kunsilli oħra li għandhom żoni rurali biex ikun iffurmat il-Grupp Azzjoni Lokali biex japplikaw għal fondi tal-EU li ġew ivvutati għal Malta. Is-Sur Sciberras informa l-fond huwa ta' €4,000,000.

3.3. Is-Sur Sciberras informa li kienet se ssir laqgħa ta' konsultazzjoni nhar id-29 ta' Ottubru fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Naxxar. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsill biex jissuġġerixxi xi proġett li jista' jiġi implimentat.

3.4. Il-laqgħa mas-Sur Sciberras spiċċat fid-9:15pm.

## 4. TALBIET LILL-KUNSILL

4.1. Is-SE għadda rapport dwar uħud mit-talbiet mir-residenti. Is-SE informa li kien iddiskuta l-problema tal-ilmenti maż-żewġ kunsilliera li huma responsabbli mill-Uffiċċju. Kien hemm qbil li għandu jiġi ffurmat sottokumitat biex jiddiskuti l-ilmenti

ta' kull ġimgħa. Kien hemm qbil li dan għandu jkun iffurmat mis-Sindku kif ukoll mill-Kunsilliera Sciberras u Galea.

4.2. Fuq is-suġġeriment tal-Kunsillier Bonello kien hemm qbil li kull ġimgħa għandha tinħareġ skeda ta' laqgħat u titqassam lill-Kunsilliera kollha sabiex min ikun interessat ikun jista' jattendi.

4.3. Twasslet it-talba li jinxtara *vertical mouse* għal żewġ ħaddiema tal-Kunsill li jbatu minn RSI. Ma kienx hemm oġġezzjoni li jinxtraw. Minħabba li dawn huma ħafna irħas jekk inxtraw online minn barra, il-Kunsill qabel li jixtruhom il-ħaddiema u l-Kunsill jirrifondihom.

4.4. Fuq suġġeriment tal-Kunsillieri Galea u Bonello, il-Kunsill approva li ssir rikostruzzjoni tal-bankina taċ-ċimiterju fi Triq San Ġorġ kif ukoll fi Triq l-Oratorju, in-naħa ta' Pjazza Castro.

4.5. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Galea dwar para. 3.8, is-SE informa li l-għada kien se jiltaqa' mal-kuntrattur.

4.6. Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li skont informazzjoni li għandha, wieħed mir-residenti li joqgħod f'xi sqaq minn din it-triq qiegħed jokkupa l-isqaq fejn joqgħod b'imwejjed u siġġijiet. Kien hemm qbil li għandu jiġi rrappurtat.

4.7. Il-Kunsillier Galea rrapporta li xi ħadd kien għamel xi xogħol fuq il-bankina ta' Misraħ ir-Rebħa bejn tal-laħam u l-Każin tal-Futbol bil-konsegwenza li l-bankina ma baqgħatx l-istess livell u ġiet imkaħħla bis-siment. Is-SE għandu jivverifika eżatt.

4.8. Il-Kunsillier Brincat semma wkoll li hemm problema fl-isqaq ta' ħdejn l-OK Bar. Kien hemm qbil li dan l-ilment għandu jiġi diskuss waqt il-laqgħa tal-ilmenti.

## 5. LISTA TAL-ĦLASIJIET

5.1. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras dwar il-pagament ta' GO plc, is-SE ġibed l-attenzjoni li kien hemm żball.

5.2. Il-Kunsill ikkonferma l-kontijiet kif annessi f'A.

5.3. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar il-ħlasijiet li CSD għadu jrid jiġbor mingħand il-Kunsill Lokali Naxxar, is-SE informa li kien fadal xi flus li ma tħallsux minn ta' qabel ma spiċċa l-kuntratt. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillier Agius li huwa kien qiegħed jaġixxi skont id-deċiżjoni tal-Kunsill.

5.4. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jippubblika ktieb illustrattiv bir-ritratti tal-lokalità Naxxarija. Kien hemm qbil li għandhom jinġabu kwotazzjonijiet għal ktieb ta' 100 paġna b'ritratti meħuda minn fotografu professjonali u li jkunu bbażati fuq postijiet u attivitajiet diversi u mifruxa fuq medda ta' sena.

## 6. MOZZJONIJIET

6.1. Il-Kunsillier Bonello propona li jiġi ffurmat sottokumitat għaż-żona ta' San Pawl tat-Tarġa u għaldaqstant talab li tintbagħat ittra lil kull resident ta' din iż-żona biex jiġu mħajra jingħaqdu fih. Il-Kunsill infurmah li kienet ittieħdet deċiżjoni waqt il-laqgħa ta' qabel fejn kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibda dan il-proċess biż-żona tas-Sgħajtar bħala prova.

6.2. Ma kienx hemm oġġezzjoni għall-proposta tal-Kunsillier Bonello li jiġi ffurmat sottokumitat għall-konsultazzjoni mal-għaqdiet.

6.3. Il-Kunsillier Bonello staqsa jekk kienx hemm xi oġġezzjonijiet għall-kommunikazzjoni li ntbagħtet dwar tibdil propost għall-websajt u l-fuljett tal-Kunsill. Għalkemm ħadd ma kellu oġġezzjoni s-Sindku ġibdet l-attenzjoni li ladarba l-Kunsill kien qed jaqbel li l-editur tal-fuljett għandu jibqa' s-Sur Salvu Sciberras, l-editur preċedenti, iż-żewġ kunsilliera responsabbli għandhom jiżguraw li huwa jkun infurmat kontinwament b'dak kollu li jiddeċiedi jew jipproponi l-Kunsill. Is-SE informa li bil-kollaborazzjoni taż-żewġ kunsilliera Bonello u Galea, u wkoll mal-Viċi-sindku fil-każ tal-website, huwa kien se jieħu ħsieb jagħmel numru ta' speċifikazzjonijiet sabiex jinġabu xi kwotazzjonijiet.

6.4. Il-Kunsillier Bonello talab li l-Kunsill jibda jaħdem fuq proġett ta' *energy saving*. Is-SE infurmah li fil-laqgħa preċedenti kienet ġiet diskussa l-possibbilità li jsir proġett ta' dawl bis-sistema solari fi Triq is-Salina però għalkemm kien tkellem ma' persuna dwar dan il-proġett, din il-persuna ma kinitx ġiet lura bl-informazzjoni li talabha. Hawnhekk is-SE talab l-għajnuna u aktar involviment mill-Kunsilliera minħabba li kellu problema kbira ta' riżorsi umani u għaldaqstant kien impossibbli għalih li jlaħħaq mal-proġetti u x-xogħlijiet kollha li hemm. Il-Kunsillier Brincat wegħed li kellu jieħu ħsieb ikellem lil din il-persuna sabiex jara għadhiex interessata li tgħin lill-Kunsill f'dan il-proġett.

6.5. Il-Kunsillier Bonello rrefera għal ittra mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Forġa u li kienet intbagħtet lill-Kunsilliera kollha. Il-Kunsill ma qabilx mas-suġġeriment tal-Kunsillier Bonello li t-triq tiġi miksija bil-konkos jew siment minħabba l-ispiża. Il-Kunsill fakkar lill-Kunsillier Bonello li huma ħafna dawk it-toroq li għadhom fl-istess sitwazzjoni ta' din it-triq u għaldaqstant ma kienx possibbli li tittieħed deċiżjoni simili.

6.6. Il-Kunsillier Bonello semma li kien għamel żjara ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq u nnota li kien hemm dehra mitluqa u ssuġġerixxa li l-ħaddiema tal-Kunsill jintbagħtu aktar spiss. Huwa informa wkoll li nnota numru ta' bini llegali u għaldaqstant issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-MEPA. Il-Kunsill qabel. Għall-mistoqsija tiegħu dwar x'ġara mill-proġett tal-Pjazza ta' Baħar iċ-Ċagħaq, is-SE informa li l-Kunsill kien applika l-MEPA iżda li kien għadu qed jistenna li jinħareġ il-permess.

6.7. Il-Kunsillier Bonello informa li kien se jiltaqa' mal-Assoċjazzjoni tar-Residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

6.8. Il-Kunsillier Bonello rrimarka li r-riklam li ntuża fil-fuljetti tas-Soċjetajiet bħala riklam favur l-ambjent ma kienx għoġbu għaliex ma kienx professjonali.

6.9. Il-Kunsillier Bonello rrimarka li huwa jħoss li l-amministrazzjoni ma setgħetx tibqa' għaddejja kif inhi minħabba l-problema kbira ta' nuqqas ta' riżorsi u għaldaqstant ħeġġeġ lill-Kunsill biex iħaffef il-proċess tal-impjieg tal-iskrivani.

6.10. Hawnhekk is-SE informa li s-Sinjura Camilleri kienet biddlet id-deċiżjoni tagħha dwar is-Sibtijiet u għaldaqstant il-Kunsill ma kellux alternattiva oħra ħlief li jagħmel sejħa għall-applikazzjonijiet għal persuna *part-time*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Is-SE informa li minħabba li ma kienx fadal żmien kellu jagħmel dan permezz ta' sejħa għal kuntratt ta' servizz. Il-Kunsill approva.

6.11. Il-Kunsillier Bonello preżenta kopja ta' mozzjoni fejn talab li l-Kunsill jorganizza laqgħa mal-kuntratturi fil-qasam tal-kostruzzjoni fuq inkonvenjenzi f'San Pawl tat-

Tarġa (kopja annessa f'B). Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ssekondat il-mozzjoni għalkemm talbet li tkun emendata li tkopri l-barrieri kollha.

6.12. Il-Kunsilliera Miceli pproponiet emenda biex għal-laqgħa proposta fil-mozzjoni jkunu mistiedna wkoll Ewro Parlamentari oħra b'mod partikulari għaliex l-EP Scicluna huwa residenti ta' San Pawl tat-Tarġa u allura laqgħa bħal din m'għandiex tkun użata għall-gwadann ta' xi ħadd partikulari. Barra minn hekk il-laqgħa għandha tissejjaħ mill-Kunsill u mhux minn xi ħaddieħor. Issekonda din l-emenda l-Kunsillier Brincat. Il-Kunsillier Bonello saħaq li ma jistax jaċċetta li l-mozzjoni tkun emendata iżda s-SE informa li kull Kunsillier kellu dritt li jressaq emenda għall-mozzjoni u li, qabel ma titkompla d-diskussjoni fuq il-mozzjoni, kellha tkun diskussa u mressqa għall-vot l-emenda. Kompliet id-diskussjoni iżda ma ttieħditx deċiżjoni finali. Kien hemm qbil li din id-diskussjoni tkun aġġornata għal-laqgħa li jmiss.

## 7. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

7.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata fil-11:15pm. Il-kontinwazzjoni ta' din il-laqgħa se tinżamm nhar it-Tlieta 29 ta' Settembru 2009 fis-7:30pm.

## KONTINWAZZJONI TAL-LAQGĦA - IT-TLIETA 29 TA' SETTEMBRU 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Victor Agius | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier (wasal fit-7:45pm) |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Pauline Miceli | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti. | |

## 8. KOMUNIKAZZJONI/INFORMAZZJONI MILL-AĦĦAR LAQGĦA

8.1. Il-Kunsill iddeċieda li jiltaqa' ma' numru ta' residenti li jiffurmaw l-Assoċjazzjoni tar-Residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq (BIĊRA) dwar il-problema li għandhom b'mod speċjali li tirrelata mal-I*splash and Fun Park*. Il-laqgħa bdiet fis-7:30pm u spiċċat fit-8:25pm. Kopja tal-minuti ta' din il-laqgħa tinsab annessa f'Ċ.

## 9. KONTINWAZZJONI TAL-MOZZJONI TAL-KUNSILLIER BONELLO

9.1. Il-Kunsillier Galea informa li huwa kien jaqbel li għandhom jiġu mistiedna l-MEP's kollha u mhux wieħed. Barra minn hekk il-laqgħa għandha tissejjaħ mill-Kunsill. Hawnhekk il-Kunsillier Bonello informa li huwa kien qed jirtira l-mozzjoni li ressaq

il-ġimgħa ta' qabel minħabba li ma xtaqx li inizjattiva ġenwina tkun interpretata ħażin u/jew ixxellef b'xi mod il-kollaborazzjoni bejn il-membri. Il-Kunsill aċċetta li din il-mozzjoni tkun irtirata.

9.2. Is-SE ta xi informazzjoni dwar punti mil-laqgħa preċedenti.

9.3. Fuq suġġeriment tas-SE kien hemm qbil li tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet/offerti għall-fotografija għall-ktieb u li x-xogħol tal-fotografija jkun fuq bażi ta' sena. Għalhekk l-offerti għall-ktieb jinħarġu wara li l-Kunsill ikollu f'idejh ir-ritratti kollha.

9.4. Is-SE informa li kien bagħat kommunikazzjoni elettronika lill-membri tal-Kunsill dwar il-kuntratt tal-*handymen* iżda kien irċieva biss risposta waħda mingħand is-Sindku. Kien hemm qbil li, kulmeta s-SE jibgħat kommunikazzjoni ġenerali u ma jirċevi l-ebda risposta, huwa għandu jifhem li jista' jmexxi u li għandu l-approvazzjoni tal-Kunsill. Madanakollu kien espress li preferibbilment il-membri għandhom jibgħatu konferma lura.

9.5. Il-Kunsillier Agius talab li tidħol klawsola fil-kuntratt tat-tindif biex, jekk isir il-bexx isir it-tneħħija tal-ħaxix wara li jmut. Is-SE infurmah li t-tneħħija tal-ħaxix dejjem kienet fuq il-kuntratt tat-tindif tat-toroq.

9.6. Il-Kunsillier Galea informa li, skont informazzjoni li kellu, l-ħaddiema tar-*Rodent Control* kienu qed iduru triq triq ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq.

9.7. Is-SE informa li nhar l-1 ta' Novembru kienet tagħlaq l-applikazzjoni għall-fondi għall-programm bl-isem *Youth in Action* mal-EUPA. Huwa informa li nhar il-Ħamis kien se jkun hemm laqgħa oħra dwar il-possibbiltà li jsir skambju bejn żgħażagħ Naxxarin u oħrajn minn Bucharest fir-Rumanija.

9.8. Is-SE informa wkoll li kienu se jiġu organizzati numru ta' attivitajiet sportivi li jinkludu tliet sessjonijiet ta' attivitajiet sportivi għal kulħadd (*Sports for All*) kif ukoll numru ta' sessjonijiet ta' *keep fit*. Dawn l-attivitajiet kienu se jittellgħu bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Isport (KMS), is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, u s-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport.

9.9. Is-SE informa li kienet se tinżamm laqgħa mas-Sur Clive Xuereb li kien bagħat ittra b'talba biex tiġi rranġata żona f'Tas-Safra biex jiġi pprattikat il-*kite surfing*.

9.10. Is-SE informa li matul dik il-ġimgħa l-amministrazzjoni ħolqot profil għall-Kunsill Lokali Naxxar fuq *Facebook* u din il-paġna kienet diġà ġibdet 'il fuq minn mitejn persuna bħala *fan*.

9.11. Is-SE informa li l-persuna li kienet lesta taħdem fuq il-pannelli solari sabiex jintużaw biex idawlu t-toroq kienet wegħdet li tgħaddi l-informazzjoni neċessarja lis-SE filwaqt li għandha tpoġġi bozza li taħdem bid-dawl solari għal xahar bħala prova.

## 10. KUNTRATTI TAL-ĠBIR TAL-ISKART

10.1. Is-SE informa li fil-ġurnata ta' qabel kien attenda għal sessjoni rigward il-kuntratti l-ġodda tal-ġbir ta' skart domestiku. Fost oħrajn kien ġie stabbilit li l-kuntratt ma jistax jiġi offrut fuq inqas minn 4 darbiet fil-ġimgħa (għal skart organiku mhux separat). Kien hemm qbil li f'din il-lokalità kien se jibda jinġabar kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt filwaqt li nhar ta' Ħamis jinġabar biss l-iskart separat. Il-

Kunsill qabel li għandu jiġbor l-iskart minn stabbilimenti kummerċjali sakemm l-ammont ta' skart ma jkunx ikbar minn metru kubu. Is-SE informa li dan kien se jkun kuntratt ibbażat fuq 4 snin u kien jispeċifika li l-iskart għandu jinġabar ukoll fil-festi pubbliċi. Il-Kunsill qabel li l-ħinijiet tal-ġbir fin-Naxxar għandu jkun bejn is-7:30am u l-11:00am. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jħeġġeġ lil Kunsilli l-oħra fir-reġjun biex jingħaqdu miegħu u jinħareġ kuntratt wieħed. Is-SE informa li d-Dipartiment kien qed jagħmel pressjoni biex il-kuntratt jinħareġ mill-aktar fis possibbli. Huwa kompla jgħid li riklam ta' dan il-kuntratt kien se jiġi rreklamat madwar l-Ewropa u ż-żmien tar-reklamar kien ta' 50 ġurnata. Huwa informa li dan il-kuntratt kien se jlaħħaq man-nofs miljun ewro fuq 4 snin. Is-SE informa li kien hemm klawsola li l-Kunsill qed jaċċetta li jħallas għall-*fuel* u l-miżata għar-rimi tal-iskart però kien se jkun hemm rimbors mill-Gvern għalihom, għall-inqas għat-tliet xhur li ġejjin. Is-SE informa wkoll li biex ikun hemm aktar kontroll, kien qiegħed jiġi suġġerit li t-trakkijiet ikunu mgħammra bid-*data tracking*.

10.2. Is-SE kien ukoll għadda xi rakkomandazzjonijiet relatati lil kull Kunsillier

## 11. FESTA NAXXAR

11.1. Hawnhekk il-Kunsill reġa' waqaf għal ftit minuti sabiex jiddiskuti mas-Sur Chris Muscat, Direttur Mużikali tal-Kor Jubilate Deo, dwar kunċert li kien qed jipproponi li jiġi organizzat flimkien mal-Kor tal-Parroċċa bħala parti minn attività kbir għal żmien il-Milied. Minħabba li ma kienx possibbli għall-kor li jagħmel żewġ *performances* f'qasir żmien, kien hemm qbil li tinstab data (ġiet issuġġerita t-13 ta' Diċembru) sabiex isir kor uniku u għaldaqstant issir b'kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet. Is-Sur Muscat informa li kien se jkellem lill-Arċipriet u jkellem lill-Kunsill lura.

11.2. Is-SE informa li l-iskrivana temporanja li kellu l-Kunsill kienet irriżenjat minħabba li sabet impjieg permanenti. Huwa informa li kien għadu qed jistenna mingħand l-ETC biex tintbagħtlu l-lista tal-iskrivani l-ġodda.

11.3. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Galea dwar il-baġitt tal-Kunsill, is-SE informa li dan kien ta' madwar €715,000. Partijiet kbar minn din l-allokazzjoni kienet tmur għal spejjeż amministrattivi, irranġar ta' toroq u ġbir ta' skart domestiku.

11.4. Il-Kunsillier Galea talab li l-Kunsilliera kollha jingħataw lista tal-attivitajiet li jkunu għaddejja fil-Kunsill flgħaxijiet.

11.5. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa li jkun hemm aktar dawl bejn l-entratura u t-taraġ t'isfel taċ-Ċentru Ċiviku. Kien hemm qbil li għandu jsir xi tisbiħ fil-bini sabiex jidher aktar akkoljenti għall-pubbliku. Is-SE ħa jieħu ħsieb jara li dan it-tisbiħ jinbeda matul il-ġimgħat li ġejjin.

11.6. Kien hemm diskussjoni dwar il-Festa Naxxar għas-sena 2009 b'mod speċjali dwar iż-żmien li għandha tibda tiġi organizzata fih. Kien imsemmi wkoll li din is-sena għadu ma sar xejn fuq Ġieħ in-Naxxar. Kien hemm qbil li għal din is-sena il-Ġieħ jingħata waqt l-attività tal-Milied.

11.7. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami reġgħet fakkret li l-membri tas-*Safari Camping Club* kien talab li jiltaqa' mal-Kunsill. Kien hemm qbil li għandhom jintalbu jattendu għal laqgħa qabel il-laqgħa li jmiss.

11.8. Hawnhekk il-Kunsillier Agius skuża ruħu. Il-ħin kien l-10:07pm.

11.9. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jissemmew xi ġonna li għadhom mingħajr isem għal personalitajiet Naxxarin.

11.10. Il-Kunsillier Sammut informa li kien prepara biex tiġi organizzata ġita ta' tliet siegħat għall-ġenituri u tfal għall-Għammieri fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru. Huwa talab li l-Kunsill iħallas għat-trasport. Il-Kunsill qabel.

11.11. Ġie infurmat li kienet se tinżamm ħarġa kulturali nhar it-28 ta' Ottubru. Din kienet se tieħu ħsiebha l-eks viċi sindku, is-Sinj. Speranza Xuereb.

**12. TMIEM IL-LAQGĦA**

12.1. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fl-10:30pm filwaqt li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 20 ta' Ottubru 2009 fis-7:30pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

**LAQGĦA MAL-MEMBRI TAL-BIĊRA - 29 TA' SETTEMBRU 2009**

Preżenti f'isem BIĊRA: Michael Scicluna<br>Sandro Chetcuti<br>Jonathan Camilleri<br>Maryanne Cuomo<br>Kenneth Gauci Borda<br>Mario Hili

1. Il-membri tal-Assoċjazzjoni infurmaw lill-Kunsill li kienu qed ibatu minn inkonvenjenza minħabba l-I*splash and Fun Park*. Għaldaqstant talbu lill-Kunsill biex jagħmel aktar pressjoni fuq l-awtoritajiet ikkonċernati. Is-Sindku infurmat li kull darba kien hemm it-talba, il-Kunsill dejjem ta sapport tiegħu.
2. Għall-mistoqsija tagħhom dwar jekk il-Kunsill ikunx ġie kkonsultat dwar permessi li jinħarġu dwar operat simili, is-Sindku rrispondiet li l-Kunsill lanqas biss jiġi infurmat. Is-Sindku ssuġġeriet li ssir laqgħa mal-OPM sabiex tiġi diskussa l-problema ta' dawn ir-residenti.
3. Skont dawn ir-residenti, il-Luna Park qegħda madwar 20 metru 'l bogħod mill-aktar residenza fil-viċin u għaldaqstant uħud mir-residenti qed ikollhom inkonvenjenza ħafna aktar kbira minn oħrajn kawża tal-istorbju eċċessiv li joħroġ mingħand l-I*splash and Fun Park*. Huma allegaw ukoll li l-Pulizija ma kinux qed ikunu ta' għajnuna biżżejjed.
4. (Hawnhekk wasal il-Kunsillier Brincat. Il-ħin kien it-7:45pm.)
5. Is-Sur Sultana saħaq li dik iż-żona kienet *resident priority area*.
6. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill tkellem mal-Pulizija ħafna drabi u dawn dejjem saħħqu li l-istorbju mhux eċċessiv iżda jinstab fil-limitu. Is-Sinj. Cuomo ġibdet l-attenzjoni li għadha kif intrebħet kawża fil-Qrati ta' Malta minħabba storbju eċċessiv minn daqq ta' qniepen tal-Knisja.
7. Is-Sur Hili informa li l-membri tal-BIĊRA kienu diġà ltaqgħu tliet darbiet ma' membri mill-OPM. Is-Sindku infurmatu li kemm-il darba terġa' ssir laqgħa oħra, il-Kunsill kien lest li jissapportjahom.
8. Dawn ir-residenti infurmaw li ma kienx l-iskop tagħhom li tittieħed il-liċenzja tal-individwu bil-konsegwenza li jkollu jagħlaq iżda li jiġi mġiegħel ibaxxi l-livell tal-istorbju b'mod li huma jkunu jistgħu jgħixu miegħu mingħajr inkonvenjenza.
9. Is-Sur Gauci Borda informa li hu, fil-preżenza tal-avukat tas-sid tal-I*splash and Fun Park* kienu ltaqgħu ħafna drabi u deher li seta' kien hemm qbil iżda sfortunatament meta beda s-Sajf (eżattament minn Mejju) l-istorbju reġa' beda.
10. Fuq talba tas-Sur Hili, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob lill-Pulizija tan-Naxxar dwar ir-riżultat tar-rapporti kollha li saru min-naħa tagħhom dwar din il-kwistjoni.
11. Is-Sur Hili informa li nhar il-31 ta' Lulju kien inżamm festin f'residenza ta' Ambaxxatur partikulari u dak inhar ma kienx hemm storbju eċċessiv u huma kienu qed jitolbu li s-sid ta' dan l-istabbiliment jibqa' jopera b'dan il-mod.

12. Għall-mistoqsija fir-rigward it-tinda permanenti li tpoġġiet riċentament, is-Sindku infurmat li din hija kwistjoni mal-MEPA u għaldaqstant għandhom jaraw din il-kwistjoni magħhom.

13. Il-Kunsillier Bonello ssuġġerixxa li l-Kunsill u l-BIĊRA għandhom imorru quddiem il-Parlament u jiddiskutu din il-problema mal-Membri Parlamentari individwali.

14. Il-membri tal-assoċjazzjoni kkonfermaw li l-Kunsill kien dejjem wera interess fil-kwistjoni tagħhom speċjalment fid-dawl li s-Sur Salvu Sciberras, eks Kunsillier, dejjem kien jinżel jivverifika l-ilmenti tagħhom.

15. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jagħmel appuntament mar-rappreżentant tal-OPM filwaqt li l-membri tal-BIĊRA se jieħdu ħsieb jippreparaw il-punti għad-diskussjoni. Kemm-il darba din il-laqgħa ma twassal għall-ebda punt, kien hemm qbil li din il-problema titwassal quddiem il-membri parlamentari.

16. Il-laqgħa spiċċat fit-8:25pm.